Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,666, 3 ta' Settembru, 1998
Taqsima B

A.L. 220 ta' l-1998

ATT TA' L-1997 BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (ATT NRU. XXXIII TA' L-1997)

Regolamenti ta' l-1998 dwar id-Drittijiet għall-Approvazzjoni ta' Tip dwar Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 33 ta' l-Att ta' l-1997 biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, il-Prim Ministru, bir-rakkomandazzjoni tar-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar id-Drittijiet għall-Approvazzjoni ta' Tip dwar Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni.

Dritt għall-approvazzjoni ta' tip mniżżel fl-Iskeda.

2. Għandu jitħallas lir-Regolatur tat-Telekomunikazzjonijiet, dwar is-servizzi stipulati fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, id-dritt stabbilit fit-Tieni Kolonna ta' l-istess Skeda għar-rigward ta' kull servizz.

Drittijiet oħra.

3. Id-dritt għall-approvazzjoni ta' tip ta' kull tagħmir ieħor mhux imsemmi fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi tax-xogħol magħmul dwar dik l-approvazzjoni bir-rata ta' Lm30.00 għal kull siegħa xogħol jew parti minnha ta' inġinier u Lm22.50 għal kull siegħa xogħol jew parti minnha ta' uffiċjal tekniku.

SKEDA

(Regolament 2)

	L-Ewwel Kolonna Approvazzjoni ta' Tip ta' Servizz	It-Tieni Kolonna Dritt Lm
1.	Settijiet telefoniċi b'fattizzi bażiċi	15
2.	*Video phones*	30
3.	Sett telefoniku b'faċilità li ma jinżammx bl-idejn	15
4.	Sett telefoniku b'*auto dialer*	30
5.	*Answering machine*	30
6.	*Answering machine* diġitali	30
7.	Telefon *cordless*	30
8.	Sett telefoniku b'*radio clock*	15
9.	Telefon *cordless* li jkollu sa *8 handsets*	45
10.	Set tat-*Telecare*	30
11.	*Fax modem*	45
12.	*Modems*	45
13.	*PC card modem*	45
14.	*Voice modem*	45
15.	*Fax machine*	30
16.	*Payphone*	45
17.	*Teletax metres*	15